MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-09 ta' Marzu, 2018

Rikors Maħluf numru 1159/17LM

**Emmanuel Borg detentur tal-karta tal-identità 516776M)**

***vs.***

**Av. Leontine Calleja u l-P.L. Nadine Farrugia bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Abdurrauf Buhagiar detentur tal-Passaport Libjan bin-numru 258435 hekk kif maħtura permezz ta' digriet datat 27 ta' Diċembru, 2018 liema sena għandha tiġi indikata bħala 2017 korrezzjoni awtorizzata b'digriet datat 23 ta' Frar, 2018 fl-atti tal-Mandat ta' Qbid 1740/17**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-27 ta' Diċembru, 2017 mill-attur **Emmanuel Borg** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), li jgħid kif ġej:

*1. Illi permezz ta' Share Transfer Agreement datat 23 ta' Marzu, 2016, kopja ta' liema huwa anness u mmarkat MB1*[1]*, l-esponenti biegħ u ttrasferixxa lill-intimat ishma tiegħu fil-kumpannija International Brands Holdings Limited.*

*2. Illi inoltre permezz ta' Shareholder's Loan Assignment Agreement datat 23 ta' Marzu, 2016, kopja ta' liema huwa anness u mmarkat MB2*[2]*, l-esponenti trasferixxa u assenja lill-intimat id-drittijiet tiegħu emanenti minn shareholder's loan illi huwa kien ipprovda lill-kumpannija International Brands Holdings Limited fil-kwalità tiegħu ta' azzjonist tal-imsemmija kumpannija.*

*3. Illi l-prezz miftiehem skont l-imsemmi Shareholder's Loan Assignment Agreement kien ta' mija, ħamsa u għoxrin elf euro (€125,000), liema ammont kellu jitħallas f'pagamenti rateali, bl-aħħar pagament kellu jkun dovut fit-23 ta' Marzu, 2016.*

*4. Illi l-intimat naqas milli jħallas lill-esponenti s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000), u nonostante diversi interpellazzjonijiet da parti tal-esponenti sabiex l-intimat iħallas l-istess, huwa baqa' inadempjenti.*

*5. Illi fiċ-ċirkostanzi r-rikorrenti ma kellux għażla oħra ħlief li jintavola din il-kawża.*

*6. Illi l-imsemmi ammont ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) huwa dejn ċert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt, mill-intimat lir-rikorrenti u għalhekk fil-fehma tar-rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, billi fl-umli fehma tal-istess rikorrenti, l-intimat m'għandux eċċezzjonijiet validi xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont.*

*Għaldaqstant, jgħid l-intimat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:*

*1. Taqta' il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) skont is-Shareholder's Loan Assignment Agreement ta' bejn il-partijiet.*

---

[1] *A fol.* 5 sa 10, fir-rigward ta' 30% tal-ishma tas-soċjetà International Brands Holdings Limited u anness miegħu diversi dokumenti oħra, *a fol.* 11 sa 24.
[2] *A fol.* 25 sa 28.

> 3. *Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrent is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti.*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat, li minn issa huwa nġunt in subizzjoni.*

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Jannar 2018, fejn wara li rat l-artikoli 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, appuntat il-kawża għall-31 ta' Jannar, 2018.

Rat illi l-kuraturi deputati ġew debitament notifikati bir-Rikors Maħluf fis-17 ta' Jannar, 2018.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat id-dokumenti konsistenti f'*e-mails* mibgħuta mill-**kuratur deputat l-avukat Leontine Calleja**[3] lill-avukati preċedenti tal-konvenut Abdurrauf Buhagiar, l-avukati Dr Alex Perici Calascione u Dr Veronica Perici Calascione, kif ukoll f'ittra[4] mibgħutha mill-istess kuratur deputat lill-konvenut Abdurrauf Buhagiar (minn issa 'l quddiem "il-konvenut").

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Frar 2018, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum wara li l-kuratur deputat l-avukat Leontine Calleja ddikjarat li kemm l-avukati li l-kontroparti kienet indikat bħala l-avukat

[3] *A fol.* 36 sa 38 datati 30.01.2018, li baqgħu bla tweġiba.
[4] *A fol.* 35 datata 31.01.2018, li baqgħet ukoll bla tweġiba.

preċedenti tal-konvenut u kemm il-konvenut baqgħu ma kkomunikawx magħha.

**Ikkunsidrat:**

Billi l-konvenut ma għamilx kuntatt mal-kuraturi deputati li ġew appuntati biex jidhru f'ismu f'dawn il-proċeduri, il-Qorti tqis illi l-konvenut m'għandux raġuni biex jopponi għat-talbiet attriċi. Illi tenut kont ukoll li s-somma pretiża mill-attur ġiet debitament ikkonfermata minnu fir-Rikors Maħluf tiegħu, fejn ġie wkoll iddikjarat mill-attur li sa fejn jaf hu l-konvenut ma għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talbiet attriċi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet Malta, dwar smigħ ta' kawżi bil-proċedura speċjali sommarja, tqis illi għandha tgħaddi biex tippronunzja ruħha dwar it-talbiet attriċi bid-dispensa tas-smigħ.

Illi għaldaqstant din il-Qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova l-każ tiegħu skont il-liġi.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqtant għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ u dan a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);**

2. **Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta' ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000) skont ix-*Shareholder's Loan Assignment Agreement* datat 23 ta' Marzu, 2016, ta' bejn il-partijiet; u**

3. **Konsegwentement tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000) fi żmien għoxrin (20) jum mil-lum.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mil-lum sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.**

Moqrija.